- *jekk in-notifika skont Art 460 hix ta' ordni pubbliku*
- *jekk proceduri taħt Art 469 jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-Art 460*

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 573 /2018 GM**

**Paul Gauci f'ismu proprju u għan-nom**

**Tas-Soċjeta` E & G Properties Limited**

**vs**

**Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali,**

**f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali**

**Seduta tad-9 ta' Lulju, 2019.**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur, ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2018, fejn wara li ppremetta:

1. Illi l-esponent nomine huwa proprjetarju tal-kumpless ta' bini magħruf bħala Villa St Ignatius, fi Triq Scicluna, San Ġiljan.
2. Illi fil-kors ta' xogħlijiet ta' demolizzjoni ta' parti mill-istess proprjeta`, permezz ta' ittra datata 5 ta' Diċembru 2017, l-intimat Sovrintendent f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ħareġ *Conservation and Protection Order* sabiex l-esponent *proprio et nomine* ma jkomplix bix-xogħol fil-proprjeta` indikata fl-istess ordni bħala Villa St Ignatius, fi Triq Sciortino, San Ġiljan, sakemm ma tinħariġx ordni oħra mis-Sovrintendenza li tħassar l-ewwel ordni.
3. Illi permezz ta' ittra oħra datata 7 ta' Diċembru 2017, l-intimat ħareġ *Conservation and Protection Order* ġdida sabiex l-esponent *proprio et nomine* ma jkomplix bix-xogħol fil-proprjeta` indikata bħala Villa St Ignatius, fi Triq Scicluna, San Ġiljan, sakemm ma tinħariġx ordni oħra mis-Sovrintendenza li tħassar l-ewwel ordni.
4. Illi l-proprjeta` tal-esponent nomine Villa St Ignatius, Fi Triq Scicluna, San Ġiljan, mhiex proprjeta` skedata fit-termini tal-liġi.
5. Illi l-ordni maħruġ fil-5 ta' Diċembru 2017, u dak maħruġ fis-7 ta' Diċembru, 2017, kien *ultra vires* fit-termini tal-artikolu 469A(1)(b)(i)(ii)(iii) u (iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kap 12.

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Ordni tal-intimata maħruġa bl-ittri tal-5 ta' Diċembru 2017 u s-7 ta' Diċembru 2017 kif fuq ingħad imur kontra d-dsisposizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(i)(ii)(iii) u (iv) tal-Kodiċi Ċivili kap 12.
2. Konsegwentement tiddikjara l-istess ordni null u mingħajr effett.
3. Tagħti kull ordni jew provediment sussidjarju u relattiv, kif din il-Qorti jidrilha xieraq u opportun;

Rat illi ma ġiet ipprezentata ebda risposta ġuramentata mill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2018 tal-abbli avukat tal-konvenut Dr. Miguel Degabriele li ddikjara li t-terminu tar-risposta qatt ma beda jgħaddi għaliex ma ġiex notifikat l-Avukat Generali skont l-Art. 181B(3) tal-Kap 12;

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tiegħu talab li ssir in-notifika lill-Avukat Generali u r-risposta tal-attur dwar dan il-punt;

Rat il-provvediment tagħha tad-28 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-konvenut;

Rat li minkejja li l-konvenut huwa kontumaċi ippreżenta – bla ma talab id-debitu permezz mill-Qorti – rikors li permezz tiegħu effettivament ippreżenta eċċezzjoni li l-konvenut ma ppreżentax ittra uffiċjali qabel ma fetaħ il-kawża, u għalhekk kiser id-disposizzjonijiet tal-Art. 460 tal-Kap 12;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tiegħu talab l-isfilz tar-rikors imsemmi;

Rat il-provvediment Tagħha waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu ordnat l-isfilz tal-istess rikors;

Rat li b'danakollu, waqt l-istess udjenza l-Qorti (fol 44) stiednet lill-partijiet sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar:

(1) jekk hemm (*recte*: jekk) il-ħtieġa tal-preavviż lill-Gvern hix ta' ordni pubbliku jew le; u

(2) jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu japplikawx għall-każ preżenti (u ċjoe`għal proċeduri ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ferm studjata tal-attur li permezz tagħha l-abbli avukati patroċinaturi tal-attur Dr Pawlu Lia u Dr Phyllis Aquilina żvolġew, fis-sustanza, dan ir-raġunament:

(i) fl-ordni ġuridiku tagħna l-Qorti ma tistax tqanqal eċċezzjoni hi stess jekk mhux meta tkun awtorizzata espressament mill-kodiċi ritwali biex tagħmel dan inkella meta jkun hemm kwistjoni t'ordni pubbliku[1].

(ii) fil-każ **Grech v Sagliamante**[2] l-konvenuti kienu kontumaċi iżda qanqlu l-kwistjoni tan-nullita` tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Kummerċ billi nbdiet b'libell għalkemm kellha tkun permezz ta' ċitazzjoni. Il-Qorti ddeċidiet li ma setgħetx tqajjem il-kwistjoni hi għaliex ma kinitx waħda ta' ordni pubbliku.

(iii) il-ħtieġa ta' preavviż lill-Gvern mhix ta' ordni pubbliku. Tant hu hekk li fis-sentenza **Camilleri v Camilleri**[3], il-Qorti qalet li l-eċċezzjoni ma setgħetx titqajjem minn ko-konvenut flimkien mal-Gvern; ma kienx hemm nullita` imma semmai il-kawża ma tkomplix fil-konfront tal-Gvern. Il-kawża kienet kontra l-Gvern u kien hu biss li seta' jagħmel eċċezzjoni simili; dan hu privileġġ lilu mogħti, fi kliem dik il-Qorti "sabiex il-Gvern ikollu żmien biex joffri rimedju jew soluzzjoni għal vertenza li tkun inqalgħet mal-privat". Abbażi ta' din is-sentenza

[1] L-attur jiċċita lil Ignazio Gatt v Michael Debono 02.02.1990 (Onor. Imħ. Giuseppe Mifsud Bonnici); Anthony Hammet v Vincent Genovese 31.01.1991 Qorti tal-Appell Kummerċjali; Veronique Amato Gauci v Marco Zammit 19.05.2004 Qorti tal-Appell (Inf)(Onor. Imħ. Philip Sciberras); Adama Galea v Tarcisio Calleja 25.05.2001 Qorti tal-Appell

[2] Edwin Grech v Antida Sagliamante 09.04.1992 Qorti tal-Kummerċ (Onor. Imħ. J.D. Camilleri)

[3] Francis Camilleri v Peter Paul Camilleri 30.03.2007 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) per. Onor. Maġ (illum Imħallef) Anthony Ellul

l-attur jislet il-konklużjoni li l-provvediment tal-preavviż mhux wieħed ta' ordni pubbliku; il-Gvern biss jista' jqanqlu – u mhux ukoll il-Qorti ex officio.

(iv) tant din ir-regola mhix ta' ordni pubbliku li l-liġi tipprovdi diversi eċċezzjonijiet għaliha. Kieku kienet tabilħaqq ta' ordni pubbliku ma kienx ikun hemm eċċezzjonijiet. Barra minn hekk, hemm l-eċċezzjoni tal-urġenza li ma tiddependix min-natura tal-azzjoni nfisha.

(v) L-Art. 460(1) Kap 12 ma japplikax fil-każ ta' proċeduri taħt 469A Kap 12, u dan għaliex hija "proċedura partikolari" li tistabbilixxi "terminu" (ta' sitt xhur) speċifikament applikabbli għal dik il-proċedura li, skont Art. 460(2), hija eżenti mid-disposizzjonijiet tal-Art. 460(1). Kieku jkun applikabbli l-Art 460(1) għall-proċedura taħt 469A, dan ikun ifisser li l-attur jitlef il-jedd li jipproċedi saħansita qabel jgħalqu s-sitt xhur kemm-il darba ma jippreżentax ittra uffiċċjali minn tal-inqas għaxart ijiem qabel l-iskadenza tat-terminu. L-attur ma jaqbilx mas-sentenza **P.T. Matic Environmental Services Limited v Id-Direttur tal-Kuntratti**[4] li stabbiliet li l-fatt li l-Art. 469A jistabbilixxi perjodu ta' dekadenza jneħħi l-obbligu tal-interpellazzjoni preventiva.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li fiha wieġeb, tramite l-abbli Avukat Dottoressa Fiorella Fenech Vella, ukoll b'mod iffukat u studjat, għas-sottomissjonijiet tal-attur. Essenzjalment, jissottometti li:

(i) il-ħtieġa tal-preavviż hija parti mir-rit proċedurali li huwa kollu kemm hu ta' ordni pubbliku; billi jissodisfa l-ħtieġa li kemm jista' jkun il-kwistjonijiet jinqatgħu barra mill-Qorti u li jitnaqqas l-ammont ta' kawżi li jiswew il-flus għall-Gvern u allura għall-poplu. Din il-ħtieġa għandha iktar rilevanza llum meta żdiedu ħafna l-kawżi kontra l-Gvern.

(ii) l-avviż preventiv iservi wkoll biex il-Gvern jipprepara ruħu għall-kawżi.

[4] 14.03.2018 Prim'Awla, per Onor. Imħ. J.R. Micallef

(iii) ġie ddikjarat f'għadd numeruż ta' kawżi li l-Art. 460 huwa ta' ordni pubbliku[5].

(iv) ġie wkoll iddikjarat f'bosta sentenzi li ksur tal-Art. 460 iġib in-nullita` mhux sanabbli tal-proċediment[6]. In-nullita` hija waħda espressament imsemmija fil-liġi.[7] F'sentenza minnhom ġie ddikjarat li proċediment bħal dan "mhux biss huwa null imma ineżistenti"[8].

(v) ġie ddikjarat mill-Qrati tagħna li l-Art. 460 japplika għall-Art. 469A;[9]

## ORDNI PUBBLIKU

Ikkunsidrat:

Illi l-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'inhu "ordni pubbliku". Iktar milli normi konkreti, l-ordni pubbliku jirriżulta mill-prinċipji li jiġu riflessi fin-normi pożittivi. Ifisser dak il-parti tal-ordinament ġuridiku li jinġabru fiha l-prinċipji etiċi u politiċi, li l-osservanza u t-twettiq tagħhom jitqiesu ndispensabbli għall-eżistenza tal-istess ordinament u l-ksib tal-għanijiet essenzjali tiegħu. L-ordni pubbliku mhuwiex statiku: huwa kunċett elastiku u storikament jinbidel skont l-esperjenza ġuridiko-organizzattiva li jieħu sehem fiha. Il-konvenut jiċċita s-sentenza **Francis Paris v Maltacom plc** [10] fejn qalet lii "l-kunċetti tal-Ordni

---

[5] il-konvenut jiċċita: H.P. Cole Limited v Malta Industrial Parks Limited 28.03.2012 (Onor. Imħ. Anthony Ellul; Maria Schembri v Kummissarju tal-Artijiet 08.02.2012 Qorti tal-Maġ.(Għawdex) (Sup) per Onor. Maġ. Paul Coppini; Domenico Savio Spiteri v Prim Ministru 27.02.2004 Qorti tal-Appell (Onor. Imħ. Vincent DeGaetano); Charlie Pace v Kunsill Lokali tal-Mosta 13.06.2013 (Onor Imħ. J.R. Micallef); S&D Yachts Limited v Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta 20.04.2010 (Onor Imħ. J. R. Micallef); Corinne Ward v Foundation for Medical Studies 13.08.2015 (Onor Imħ. J.R. Micallef)

[6] Fish and Fish Co Ltd v Onor Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima 29.03.2017; Corinne Ward v Foundation for Medical Studies 13.08.2015 (Onor. Imħ. J.R. Micallef); S&D Yachts v Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta; Joseph Bellizzi v Avukat Generali 05.02.1999 Prim'Awla (Onor. Imħ. Frank G Camilleri); Grace Sacco v Superintendent Mediku fl-Isptar Generali t'Għawdex 16.10.2007 (Onor. Maġ. (illum Imħ.) Anthony Ellul)

[7] Ines Calleja v Gaetano Spiteri 25.01.1991 (Onor. Imħ. Anton Depasquale) f'liema sentenza l-Qorti rriġettat l-argument tal-attur li l-liġi ma ssemmix in-nullita` espressament f'dan il-każ

[8] Anthony Spiteri v Direttur tal-Uffiċċju Konġunt 07.11.2017 (Onor. Imħ. J.R. Micallef)

[9] Anthony Spiteri Paris v Direttur tal-Ufficcju Konġunt, (ċit.); Grace Sacco v Superintendent Mediku fl-Isptar t'Għawdex (ċit); S&D Yachts Limited v Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (ċit.); Fish and Fish Co Ltd v L-Onor. Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima 29.03.2017 (Onor. Imħ. Mark Chetchuti); P.T. Matic Environmental Services Limited v Id-Direttur tal-Kuntratti 14.03.2018 (Onor. Imħ. Joseph R. Micallef).

[10] 07.10.2004 Prim'Awla

Pubbliku m'għandhomx jiġu intesi f'sens internazzjonali, astratt u universali, imma jsibu l-limiti tagħhom fl-Ordinament Guridiku Nazzjonali tal-pajjiż". Il-Qorti taqbel ma' dan, bir-riżerva li issa ċerti normi tad-dritt internazzjonali (bħad-Drittijiet tal-Bniedem) u sovra-nazzjonali (bħad-Dritt Ewropew) ukoll jistgħu jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tagħna u allura jiffurmaw parti mid-dritt pubbliku tiegħu. Interessanti li l-Onor. Imħallef Tonio Mallia, li ppronunzja l-imsemmija sentenza, kompla jgħid hekk:

"Dwar x'inhu l-Ordni Pubbliku, il-**Galgano, *"Diritto Privato*** " (2ediz. p.251 para 13.2) jghid *"Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa': di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe' all pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta', alla dignita', alla sicurezza dei singoli. L'ordine pubblico e' costituito da quelle norme, anch'esse imperative, che salvaguardano i valori fondamentali sopra menzionati e che, tuttavia, non sono esplicitamente formulate dalle legge, ma che si ricavano per implicito dal sistema legislativo: dai codici e dalle altre leggi ordinarie e, sopratutto, dalla Costituzione".*

"Fuq l-istess materja, it-**Trabucchi, *"Istituzioni di Diritto Civile*** " (29ediz. para.74 p.170) jghallem illi *"Lo scopo perseguito e' sempre di impedire che una fonte di comandi giuridici (diritto straniero, o contratto) dia vita a dei precetti in contrasto con le norme fondamentali dello Stato ... I principi di ordine pubblico interno non sono necessariamente espressi in norme, ma si ricavano anche dal sistema delle disposizioni inderogabili sia del codice sia di altre norme"*;

Illi din il-Qorti sejra wkoll iżżid din iċ-ċitazzjoni tal-**Giorgi:**

"*Che per quanto sia difficile, come osseva* ***Giorgi (Obbligazioni, 374)****, definire con preciso il concetto giuridico dell'ordine pubblico, dipendendo tale nozione*

*dal* ***principio contingente e mutabile***[11] *(come egli si esprime), dalla convenienza politica, sociale ed economica la quale varia secondo i tempi ed i luoghi, purnondimeno e` generalmente riconosciuto che esso comprende tutte le disposizioni precettive e proibitive intese direttamente o indirettamente al bene generale; per cui ripugnano a tale ordine e sono percio` riprovate quelle convenzioni, le quali in via diretta od indiretta si oppongono ai legittimi interessi generali,* ***tenuto specialmente conto dei tempi e dei luoghi****";*[12]

Illi għalhekk materja li tkun t'ordni pubbliku f'ċertu żmien jista' jkun li ma tibqax hekk meqjusa fi żmien ieħor;

Illi l-konvenut donnu jissuġġerixxi li l-liġi tal-proċedura hija kollha kemm hi liġi ta' ordni pubbliku u għalhekk kull ksur tagħha jwassal għan-nullita`. Iżda "hu abbuż tal-kliem li jingħad illi, għaliex il-liġi ta' proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku, *ergo* kull eċċezzjoni ta' proċedura, anke stess meta jkun hemm lok għaliha, għandha tiġi rilevata mill-Qorti ex officio"[13];

Illi l-Qorti rat id-dibattitu parlamentari meta ġie diskuss l-abbozz ta' liġi li ntroduċa l-Art. 460[14] u rriżultalha li tabilħaqq l-iskop tal-leġislatur kien li jagħti l-opportunita` lill-amministrazzjoni pubblika biex terġa' taħsibha jekk tkun ħadet deċiżjoni żbaljata fil-konfront taċ-ċittadin; u b'hekk tiġi evitata li ssir kawża – kif tenniet l-abbli avukat tal-konvenut u wkoll diversi drabi dawn il-Qrati. Għan dan li huwa ċertament leġittimu u li jifforma parti ntegrali min-normi fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħna. Għalhekk ma jistax ma jitqiesx bħala norma ta' ordni pubbliku. B'danakollu din in-norma m'għandhiex tintuża' b'mod assolut u b'mod li turta prinċipji oħra fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħna,

---

[11] enfasi tal-Qorti

[12] Negte. Giovanni Wismayer v Negte. Edward Lowe 17.02.1915, Qorti tal-Appell Kummerċjali

[13] "Romeo Sammut –vs- Flight Lieutenant Kenneth Shaw-Brown", Appell Civili, 3 ta' April 1964 (Kollez Vol XLVIII pI p223) iċċitata minn Veronique Amato Gauci v Marco Zammit 19.05.2004 Qorti tal-Appell (Inf) per Onor. Imħ. Philip Sciberras

[14] (Att VIII.1981.6)

fosthom li dawn il-Qrati jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi "**mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ**"[15] – ukoll norma pożittiva tal-kodiċi ta' proċedura tagħna - u li n-nullita` - li twassal għall-multiplikazzjoni tal-kawża għalxejn – tiġi evitata. M'hemmx dubbju li l-ħtieġa ta' notifikazzjoni preventiva tpoġġi lill-Gvern f'pożizzjoni vantaġġjuża u pprivileġġjata filwaqt li korrispondentement tpoġġi liċ-ċittadin fi żvantaġġ; u dan meta l-Gvern diġa` huwa ferm ikbar u iktar b'saħħtu miċ-ċittadin. Huwa għalhekk li l-Art. 460 għandu jiġi nterpretat restrittivament – kif filfatt sar f'ċerti każijiet, bħal meta l-Gvern jiġi msejjaħ f'kawża. Sfortunatament il-Qrati tagħna mhux dejjem segwew din il-linja. Għall-kuntrarju, kultant ħadu pożizzjoni estrema, u mhux talli ppronunzjaw in-nullita`, imma wkoll addirittura l-ineżistenza tal-atti ppreżentati mingħajr il-preavviż preventiv, u dan mhux biss fil-konfront tal-amministrazzjoni pubblika, imma wkoll fil-konfront ta' konvenuti privati li jkunu ġew imħarrkin flimkien magħha. Pożizzjoni li Mħallfin oħra m'aċċettawx. Dan apparti li n-nullita` hija odjuża għaliex twassal għall-multiplikazzjoni tal-kawżi – dak li l-leġisatur ried jevita bil-mezz tal-avviż preventiv – u wkoll f'ċerti każijiet – bħal fil-każ preżenti fejn l-azzjoni trid issir qabel ma jgħaddi terminu dekadenzjali – għal telf permanenti ta'dritt sostantiv;

## TALBA GĦAT-TNEĦĦIJA TAL-ART. 460

Illi l-Kummissjoni tal-1993 maħtura sabiex tirrakkomanda bidliet estensivi fil-proċedura ċivili, ikkritika bl-aħrax l-Art. 460 u rrakkomandat (mingħajr suċċess) it-tneħħija tiegħu:

"*The Government in present Maltese procedure is sometimes an unequal litigant. This situation brings about a state of affairs where the concept of parity of arms*

[15] Artiklu 742(1) Kap 12

*may not always find uniform application. This in itself may, in certain circumstances lead to a violation of the fair hearing rule constitutionally enshrined…*

*"The Commission felt that this section (460) is liable to give rise to considerable debate and may in specific and particular circumstances operate unfairly to the private litigant. The Commission understands that it is in general desirable that advance notice be given by the parties, whether they be private or public, prior to the commencement of litigation.* ***The provision in the Code however goes much further than that, as it visits the litigant who commences an action against a government authority without giving the prior judicial notice required in the law with the nullity of the act. This draconian measure is unnecessary and in no way helpful to the ultimate resolution of the dispute on the merits…"[16];***

## L-ART. 460 MEQJUS ANAKRONISTIKU

Illi f'sentenza riċenti, il-Qorti tal-Appell ħasset li kellha tikkumenta li " **Illum, jista' jingħad, li dan il-privileġġ joħloq stat ta' anakroniżmu fil-kuntest tal-ħtieġa li l-partijiet kollha jridu jitpoġġew f'sitwazzjoni identika taħt il-liġi**"[17];

## L-ART. 460 INTERPRETAT RESTRITTIVAMENT

Illi kien f'dan l-ispirtu li uħud mis-sentenzi tal-Qrati tagħna abbandunaw il-pożizzjoni estrema ppronunzjata in re: **Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et[18]** li rriteniet illi: "Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem

[16] enfasi miżjuda mill-Qorti. Justice Within a Reasonable Time, November 1993, paġna 32
[17] Paul Licari v Malta Industrial Parks Limited 25.11.2016 Qorti tal-Appell (Onor. Silvio Camilleri, Tonio Mallia, Joseph Azzopardi)
[18] 22.6.1992 Prim'Awla per Imħ. F.G.Camilleri:

użat fl- artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom" u addottat minflok interpretezzjoni stretta, bħall-każ ta' **Mario Dingli v Il-Kummissarju tal-Artijiet et**[19] (in-nullita` ma tinfettax lil terzi konvenuti privati); il-każ fejn ġie ppreżentat mandat t'inibizzjoni kontestwalment mal-kawża: "Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 għandu jigi nterpretat fis-sens li wara r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, m'hemmx għalfejn li l-Gvern joqgħod jerġa' jiġi notifikat b'ittra uffiċjali jew protest qabel tiġi preżentata l-kawża għall-jedd pretiż"[20];

## L-ART. 460 GĦADU JISTABBILIXXI NORMA TA' ORDNI PUBBLIKU?

Illi m'hemmx dubbju li l-Art. 460 kien u għadu norma ta' ordni pubbliku; u li sfortunatament il-leġislatur iqisu produċenti n-nullita`, għalkemm wasal iż-żmien li din in-norma tiġi ttemperata biex tieħu qies ta' norma oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, tal-ugwaljanza ta' kull litigant quddiem il-Qrati tagħna. L-Art. 460 jista' jkun bi ksur tal-jeddijiet fundamentali. **Platakou v Greece** [21] stabbiliet li "*where there was a procedural rule that time caesed to run against the state during a judicial vacation, the Court found that the applicant had suffered inequality of arms since her application, rejected as out of time, would not have been deemed outside the time limit if the same rule had applied to her*";

---

[19] Prim'Awla 30 ta' Mejju 2017, per Imħ. J kZammit McKeon:
[20] H.P. Cole v Malta Industrial Parks Limited 28.03.2012 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Anthony Ellul)
[21] 11.01.2001 Qorti ta' Strasburgu, kif iċċitata minn Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention of Human Rights, 5th edition, 2015, paġna 182

## APPLIKABILITA` TAL-ART 460 GĦALL-ART. 469A

Illi skont l-**Art. 460(2), "meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom**";

Illi din il-Qorti taqbel mal-attur li l-Art. 469A tistabbilixxi "proċedura partikolari" (introdotta fil-1996), intiża speċifikament għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Tistabbilixxi terminu perentorju ta' sitt xhur li fih tista' ssir azzjoni bħal din. *Ergo* taqa' taħt id-definizzjoni tal-Art. 460(2) u għalhekk id-disposizzjonijiet tal-Art. 460(1) ma japplikawx;

Illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut semmew ġurisprudenza li tgħid bil-kontra. Iż-żewġ partijiet jiċċitaw lil **P.T. Matic Environmental Services Ltd v id-Direttur tal-Kuntratti**[22]. Il-Qorti, f'dik is-sentenza rraġunat li l-fatt li hemm stabbilit terminu perentorju ma jneħħix il-ħtieġa li ssir sejħa b'att ġudizzjarju. L-attur jargumenta kontra din id-deċiżjoni billi jsostni li fil-prattika, l-attur ma jkollux sitt xhur żmien imma sitt xhur nieqsa għaxart ijiem. Dan l-argument m'huwiex nieqes mir-raġuni. B'danakollu, għal din il-Qorti l-punt kruċjali hu li l-proċedura tal-Art. 469A tinkwadra ruħha fid-disposizzjoni msemmija tal-Art. 460(2) – u dan huwa biżżejjed biex l-attur jiġi eżentat mid-disposizzjonijet tal-Art. 460(1). Għalhekk wara li ħasbet fit-tul, rispettożament tħoss li jkollha tiddissenti mis-sentenza fuq imsemmija u mis-sentenzi l-oħrajn iċċitati mill-konvenut;

## DECIDE

[22] 14.03.2018 Prim'Awla, per Onor. Imħ. J.R. Micallef

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) tiddikjara li l-preċett tal-Art. 460(1) Kap 12 huwa t'ordni pubbliku u li allura jista' jitqanqal mill-Qorti *marte proprio* iżda

(2) tiddikjara li l-proċedura preżenti taħt l-Art. 469A Kap 12 ma taqax taħt l-imsemmija disposizzjoni.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA